MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 18/2010

**Eugene Cardona**

**vs**

**Trasport Malta gja l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Marzu, 2010, il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Bord;
>
> Ra l-appell;
>
> Ra d-dokumenti u sema' x-xhieda inkluz dik ta' l-appellant;

> Ikkonsidra;
>
> Illi l-akkuzi kontra l-appellant gew sodisfacentement pruvati. Mhux hekk biss izda jirrizulta wkoll minn dak sottomess mill-istess appellant. Ir-ritratti jimmilitaw kontra l-appellant.
>
> Il-Bord jichad l-appell."

Minn din is-sentenza appella Eugene Cardona fit-termini ta' l-Artikolu 31 (14) ta' l-Att dwar l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta (Kapitolu 332). Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-Qorti tirravviza l-ilment li l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport ma kkonformax ruhu mal-principju ta' gustizzja naturali, senjatament peress illi d-decizjoni tieghu hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjest mil-ligi;

Jinzel mill-inkartament tal-kaz illi l-kwestjoni li l-Bord kellu quddiemu kienet tikkonsisti minn opposizzjoni da parti ta' l-appellant fir-rigward ta' kull wahda mill-akkuzi dwar irregolaritajiet attribwiti lilu mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta fil-konduzzjoni tal-VRT Test fuq vettura Numru ta' Registrazzjoni DAN 095;

Fis-sentenza tieghu, issa appellata, il-Bord irraguna b'mod generali illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-appellanti gew sodisfacentement pruvati u, konsegwentement, ghadda biex jichad l-appell devolut lilu;

Tradizzjonalment, almenu skond certi principji dottrinali generali r-regola ta' gustizzja naturali ta' smigh xieraq timporta d-dover li tinghata lill-partijiet fil-kontestazzjoni l-opprtunita` ragjonevoli li jressqu l-provi li jkunu jixtiequ jiproducu u li jinghataw il-possibilita li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Maz-zmien, oltre dawn affermati, zdiedu progressivament aspetti ohra tat-tematika. Fundamentalment, il-prinicpju gie jassorbi wkoll

illi fis-sentenzi jigu provvduti wkoll lill-partijiet "ir-raguni ghaliex l-appell (f'dan il-kaz lil tribunal kwazi gudizzjarju) ikun qed jigi milqugh jew michud" (ara "**Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000). "Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat" (ara "**Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 13 ta' Lulju, 2001);

Gie difatti minn din il-Qorti osservat illi "taht l-inkalzar tal-gurisprudenza evoluta mill-organi gudizzjarji Ewropej in materja jinsorgi l-principju li tali motivazzjoni mhux biss trid tirrizulta mis-sentenza izda wkoll li din tkun adegwata. Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni. Hu fid-dawl ta' dan il-principju appena accennat li gie ritenut li l-motivazzjoni, waqt li f'kull kaz kellha tkun adegwata, pertinenti u relatata mal-kwestjonijiet ta' fatt u ta' dritt sottomessi lill-Qorti mill-partijiet in kawza, kienet certament id-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li kellha tkun l-aktar ezawrjenti proprju ghaliex hi l-motivazzjoni taghha li kellha tipprovdi l-bazi ta' l-aggravju ta' l-eventwali appell moghti lil tribunal ta' revizjoni." Ara "**Charmaine Camilleri -vs- Eugenio Abdilla *et***", Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005 u "**Joseph Saliba -vs- Imperial Hotel**", Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009 b'abbracc ta' l-insenjament fid-decizjoni Kostituzzjonali in re: "**Gordon Agius -vs- Avukat Generali**", 20 ta' Dicembru, 2000;

Minn dan isegwi in linea ta' massima illi ma jistax ikun hemm dubju illi, gjaladarba hi l-parti konsiderativa tas-sentenza illi tikkjarixxi u tispjega l-import tad-dispositTiv, il-motivazzjoni kienet ta' essenza anke ghaliex tirrapprezenta dik id-dikjarazzjoni formali li permezz taghha l-gudikant jattesta illi effettivament jissussistu elementi idoneji, ta' fatt u ta' dritt, biex jiggustifikaw il-konvinciment tieghu. Meta tali dikjarazzjoni tkun mankati

mid-decizjoni, il-kaducita` taghha ma tistax tigi legittimament evitata;

Dan premess, mill-ezami tas-sentenza appellata l-espressjoni ta' fehma ta' din il-Qorti hi fis-sens li din tikkontjeni deficjenza objettiva. Mil-istess redazzjoni taghha skond modulu ciklostilat il-motivazzjoni, apparti l-generalizzar tal-kliem, hi wahda merament apparenti. Dan qieghed jigi sottolinejat in kwantu r-razzjonalita tal-motivazzjoni kellha fil-minimu tindika raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji u l-principju tad-dritt applikabbli;

Din il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi fil-kaz prezenti:-

i. In generali, il-Bord ittratta l-kaz quddiemu b'mod legger, minghajr konsiderazzjonijiet fattwali u legali adegwati;

ii. Fil-partikolari, kien inkombenti fuq il-Bord illi, la gew esposti u kkummentati *singulatim* mill-appellanti l-akkuzi fil-konfront tieghu, huwa kellu jikkummenta dwarhom bl-istess mod. Jekk xejn, biex l-appellanti jinghata sodisfazzjon ghaliex il-Bord kien qieghed jirrigetta s-sottomissjonijiet tieghu dwarhom, ukoll jekk mill-perspettiva ta' l-aspett tekniku tal-materja;

iii. Tali ezercizzju kien certament jirrientra fost l-attributi u l-funzjonijiet tal-Bord li hekk jivverifika u jepura. Ma kienx bizzejjed li hu jiddetermina dan b'mod generiku *ex-facie* ir-ritratti izda kien dmir tieghu li jistabilixxi jekk kienx hemm sostanza fl-irregolaritajiet singolari rinfaccjati lill-appellanti;

iv. Teknikament, dan kien hekk jaqa' fil-kompetenza tal-Bord specjali li jistharreg u japprofondixxi ghall-ahjar formazzjoni tal-gudizzju tieghu. Fil-kaz in ispecje l-Bord adit naqas milli jiddelibera dwarhom, avolja kien bil-wisq ovvju illi, ghall-appellanti, is-sottomissjoni

dettaljati tieghu fir-rigward ta’ kull wahda mill-irregolaritajiet li bihom gie konfrontat, kellhom valur determinanti;

v. Fid-dawl tal-premess ma hi xejn ingustifikata l-lanjanza ta’ l-appellanti illi l-Bord ommetta li jitratta l-aspetti l-aktar essenzjali tal-kontestazzjoni tieghu. Dan sew fil-parti espositiva tas-sentenza, sew fil-parti motivata taghha, tant li ma humiex identifikati kif jixraq l-elementi konsiderati jew presupposti mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Dan ma jaspira xejn ghal dak il-“*procedural fairness*” li hi ghab-bazi tal-principju;

Finalment, kif diversi drabi ohra mtenni, din il-Qorti ma tixba qatt tirrikjama l-attenzjoni li kull min hu fdat bl-inkariku li jiggudika ghandu jassigura, ghall-ahjar korrettezza fil-qadi tad-dmirijiet tieghu, illi jipprovdi tifsira cara u ragonata dwar il-kontenut sostanzjali tal-kontroversja. Dan anke jekk il-hsieb formattiv tieghu ikun wiehed konciz, basta dejjem li, fl-istess waqt, jindika c-cirkustanzi specifici li kienu jitqiesu minnu hekk idoneji biex isostnu jew, xort’ohra, jirrespingu l-fatt kostitutiv tad-dritt, oggett tal-gudizzju;

Ghall-motivi kollha su-espressi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, thassar ghal kollox is-sentenza appellata, u tirrimanda l-atti lura lill-Bord biex dan jiddeciedi l-kaz quddiemu skond il-ligi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi. L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------